**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 80 – IT-TNEJN, 26 TA' FRAR 2024 FIS-5.45 PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Norbert Dalli | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 79**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li jiġu approvati dawn il-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 79**

2.1 Dwar paragrafu 8.2, kien għad hemm pendenti biex tiċċaqlaq it-tabella tal-cul de sac fi Triq il-Fuxa.

2.2 Dwar paragrafu 8.1, kien hemm pendenti biex issir marka Slow fi Triq Salvu Busuttil.

**3 Pagamenti 77**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

4 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku tkellem dwar proposta biex isir ġemellaġġ ma' Ragusa fi Sqallija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5 **Korrispondenza**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-financial statements (unaudited). Is-Sur Joe Aquilina ppropona li jiġu approvati dawn il-financial statements. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-proposti għal postijiet għal charging pillars. Kien hemm qbil li jsir working group bejn is-Sindku, is-Sur Dominic Cassar u s-Sinjura Violet Bajada biex jiġu eżaminati dawn il-proposti u jsir risposta għalihom.

5.3 Il-Kunsill tkellem dwar ittra li bagħat lill-Ombudsan u lill-Prim Ministru dwar il-pożizzjoni li ħa l-Kunsill fuq final opinion. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu u ma jagħtix kumpens fuq din it-talba.

5.4 Dwar Premju Mara, il-Kunsill iddiskuta n-nominazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill u wara ħafna kunsiderazzjonijiet, kien hemm qbil li tintgħażel is-Sinjura Rodrica Camilleri Brennen.

5.5 Il-Kunsill innota l-Press Conference li kien hemm aktar kmieni filgħodu biex jinfetaħ uffiċjaliment il-Pollinator Garden f'tal-Propostu.

5.6 Kien hemm qbil li napplikaw għal proposta tal-Mural.

5.7 Kien hemm diskussjoni dwar l-iskemi maħruġa mid-DLG. Kien hemm qbil li napplikaw kif ġej:

5.7.1 Dwar SPI/SCI/01/2024, kien hemm qbil li napplikaw xogħlijiet fil-picnic area f'Wied Għomor.

5.7.2 Dwar SPI/SCI/02/2024, Kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5.7.3 Dwar SPI/SCI/03/2024, kien hemm qbil li norganizzaw Clean up f'Wied Għomor il-Ħadd, 22 ta' Settembru 2024.

5.7.4 Dwar SPI/SCI/04/2024, kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5.7.5 Dwar SPI/SCI/05/2024, kien hemm qbil li napplikaw għal attività Honey the kids is-Sibt, 27 ta' Lulju 2024.

5.8 Dwar it-talba biex nikkolaboraw man-Nursery tal-Football biex isir l-International Tournament, kien hemm qbil li naċċettaw u li jkun hemm budget ta' 1,000 Euro għal din l-attività.

5.9 Kien hemm qbil li napplikaw għall-arloġġ tad-dawl fil-picnic area f'Wied Għomor.

5.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja ktieb miktub mis-Sinjura Elizabeth Azzopardi.

Is-Sinjuri Joan Farrugia u Tania Borg skużaw ruħhom mil-laqgħa fis-6.55pm.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex issir No Right Turn fi Triq il-Lunzjata kantuniera ma' Triq il-Mensija.

6.2 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex isir refreshing tal-marki Stop fi Triq is-Santwarju u ilmentat li l-fence tal-Cart Ruts huwa mkisser.

6.3 Is-Sur Norbert Dalli ilmenta li hemm żewġ karozzi abbandunati fi Triq il-Kuċċard.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li għad trid issir No Left Turn fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Korvu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**